

RAKKOMANDEZZJONIJIET
BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-17 ta' Novembru 2008

lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg

(BĊE/2008/16)

(2008/C 299/02)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrikmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' bħalissa tal-Banque centrale du Luxembourg jispiċċa wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2008. Għalhekk jinħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2009.

- (3) Il-Banque centrale du Luxembourg għażel lil KPMG AUDIT sàrl bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2009 sa 2013,

ADDOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rrikmandat li KPMG AUDIT sàrl għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg għas-snin finanzjarji 2009 sa 2013.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-17 ta' Novembru 2008.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET